Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 16 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1204/99

Edmund Barbara

Vs

John u Jane Mary konjugi Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal-hlas tas-somma ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltin (Lm589) rapprezentanti bilanc ta' somma ikbar ta' prezz ta' bejgh ta' piano Hyundai lilhom ikkonsenjat.

Bl-ispejjez komprizi hames liri (Lm5) bhala drittijiet ta' konsulti u ittra bonarja tat-2 ta' Lulju 1999 u bl-interessi mid-data tal-presentata ta' l-avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici. Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attur u rat id-dokumenti minnu esebiti, ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltin (Lm589) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 t'Awissu 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg